MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT
JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 690/1999/1

**Joseph Gauci, Edward Pavia, Michael Galea u
Carmelo sive Charles Fenech**

**v.**

**L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

1.1 Din hija sentenza dwar appell interpost mir-rikorrenti minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fid-29 ta’ Settembru 2009 fil-kawza

fl-ismijiet premessi, ghal fini ta' riforma, in kwantu fl-imsemmija sentenza gie deciz hekk:
"In vista` tal-premess, il-Qorti thoss li ghandha tilqa' din l-eccezzjoni tal-Avukat Generali bazata fuq il-*proviso* tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u ghalhekk qeghda tirrifjuta (sic) li tezercita s-setghat taghha minhabba li hi sodisfatta li kif issemma fuq mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat kienu disponibbli favur ir-rikorrenti.

"Minhabba l-eccezzjonijiet precedenti kif ukoll in-natura tal-kaz, il-Qorti tordna li l-ispejjez ikunu sopportati bin-nofs."

1.2 Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, is-sentenza appellata qeghda tigi riportata *in toto* kif gej:

"Il-Qorti,

"**A. RIKORS:**

"Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih ippremettew:

"Illi fil-5 ta' Ottubru, 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet sabithom hatja ta' diversi reati u kienet ikkonfermat in gran parti d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti Istruttorja li nghatat fl-1 ta' Dicembru, 1995 fil-kawza fl-ismijiet: "Appell Numru 349/95 Il-Pulizija (Ass. Kumm Joseph Psaila kontra Joseph Gauci, Edward Pavia, Michael Galea , Carmelo sive Charles Fenech u Victor Calleja).

"Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali kienet ordnat li l-appellanti jhallsu l-multa inflitta fuqhom fi zmien sena mill-5 ta' Ottubru, 1995 u fin-nuqqas din tkun konvertibbli fi prigunerija skont il-ligi, cioe` ghall-perjodu ta' tmintax (18)-il xahar.

"Illi r-rikorrenti ssottomettew li l-proceduri gudizzjarji fil-kaz taghhom ma kienux skont l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll kontra l-Artikolu 3 tal-

Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

“Illi fil-kaz li kienet qed issir referenza ghalih, fl-assenza totali tal-*corpus delicti*, kemm il-Qorti Istruttorja kif ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali kellhom jistriehu fuq *circumstantial evidence*. Il-Qorti hawnhekk kellha tqabbad espert biex jezamina d-dokumenti u jikkompara t-*typescripts* biex jara jekk kienux identici u jaghmel kull osservazzjoni necessarja.

“Illi l-espert forensiku li tqabbad sa minn meta nbdiet il-kawza kien Dr. Anthony Abela Medici liema espert ma jista' bl-ebda mod jitqies bhala indipendenti mill-Prosekuzzjoni ghaliex kien addett tal-istess dipartiment minn fejn jitmexxew il-Prosekuzzjonijiet. Kif kienu qalu diversament il-Qrati taghna, il-hatra ta' espert ta' dan it-tip tmur kontra l-principju ta' smiegh xieraq kif jidhru fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

“Illi kif kien jidher mis-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet “**John Saliba versus Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija**” fis-6 ta' Lulju, 1998:

““illi ma jistax ikun hemm dubju li fi zmien meta saru n-nomini, cioe` fl-1987 wiehed ragjonevolment ma setax jistenna mill-imputat (Saliba) li jirrikuza lill-esperti nominati mill-Qorti minn fost membri tal-Korp tal-Pulizija, fuq is-semplici raguni li sa dakinhar, hadd ma kien ghadu ttestja dawn it-tipi ta' Nomini.” (Ara s-sentenza citata pagni 28 u 29).

“*Multo magis* ma setghux jaghmlu din it-tip ta' rikuza r-rikorrenti meta l-kaz beda fl-1983 u dan il-punt kien ghadu lanqas biss gie deciz mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jew mill-Qorti Kostituzzjonali Maltija u kien ukoll qabel ma l-Konvenzjoni Ewropeja saret parti mil-Ligi ta' Malta fl-1987. Sakemm kienet inghatat l-ewwel sentenza dwar dan il-punt mill-Qorti Kostituzzjonali l-Kodici Kriminali stess kien jikkontempla l-possibilita` li

esperti jigu nominati minn fost membri tal-Pulizija u kellha tkun il-gurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali li uried [recte weriet] l-inkongruwenza u l-anti-Kostituzzjonalita` tas-sistema.

“Illi, li kemm il-Qorti tal-Magistrati kif ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali strahu hafna fuq din il-prova, kien johrog mis-sentenza stess partikolarment minn pagni 11 u 12.  U prattikament kienet il-pern ta’ kollox.  In-nuqqas ta’ indipendenza tal-espert nominat mill-Qorti kienet tqajmet mill-Avukat Difensur quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali izda l-Qorti kienet injurat il-punt.

“Ghaldaqstant kien manifest li d-drittijiet tar-rikorrenti nkisru f’dan ir-rigward.

“Oltre dan it-trapass taz-zmien sakemm inqatghet il-kawza kien wiehed eccessiv ghaliex kien ha mal-hmistax-il sena u hafna drabi ma sar ebda progress minghajr xi tort tar-rikorrenti.  Dan il-fatt kien imur car u tond kontra l-principju ta’ smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli kif jitolbu kemm l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta kif ukoll l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

“Lanqas ma kellhom smiegh xieraq ir-rikorrenti partikolarment mill-Qorti tal-Appell Kriminali li qatghetha li hija:

““mhix fl-istess pozizzjoni vantaggjata tal-ewwel Qorti li tkun “ghext” il-process kollu fl-*iter* tieghu, u hu proprju minn hawn li gie stabbilit il-principju li huwa rari li din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni uzata mill-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi u dan ghaliex hi proprju l-Qorti tal-ewwel Grad li ghandha l-hin u l-mezzi kollha disponibbli biex tivvalwa u tikkontrolla xhieda moghtija quddiemha *viva voce*.”

“Fil-kaz odjern, fejn si tratta ta’ piena daqshekk serja, kien jistenna hafna aktar mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali.  Minn ezami akkurat tal-process kellu jirrizultalha li l-provi ma kienux instemghu minn Magistrat wiehed imma minhabba t-trapass esagerat taz-zmien il-

process kien biddel l-idejn diversi drabi u ghalhekk anqas il-Magistrat li ta s-sentenza fil-5 ta' Dicembru 1995 ma kien sema' l-provi kollha hu u lanqas kien ra x-xhieda kollha quddiemu. Dan kien ifisser li d-*doppio esame* li suppost isir biex ikun hemm apprezzament tal-provi sew ma kienx sehh f'dan il-kaz u l-massima li kienet addottat il-Qorti tal-Appell Kriminali ma kellhiex tapplika f'kaz ta' portata ta' din il-kwalita` u fi process ta' tul konsiderevoli.

"Inoltre ezami akkurat tal-process kien juri li anke kien hemm xhieda neqsin fl-inkartament tal-process, li hija haga wisq naturali konsiderando t-trapass taz-zmien. Anke dan kien gab pregudizzju serju lill-akkuzat.

"Minhabba din il-mankanza, fl-assjem tieghu l-process quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali kien nieqes mill-garanzija ta' smiegh xieraq li kien irid ikun hemm ukoll f'dan l-istadju u dan skont kazistika konsistenti tal-Qorti Ewropeja dwar id-drittijiet tal-Bniedem li dejjem kienet sahqet li jekk il-legislatur jaghti l-fakolta` li wiehed jiehu l-kaz tieghu fl-istadju tal-Appell kien irid jizgura li l-process ikollu l-istess garanzija ta' Qorti ta' l-ewwel Grad.

"Illi fl-ahhar nett it-trapass taz-zmien b'din il-piena mdendla fuq rashom il-hin kollu r-rikorrenti kienu ssottomettew li dan imur kontra l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu korrispondenti fil-Kostituzzjoni ta' Malta li jaffermaw li hadd ma ghandu jkun assoggettat ghal trattament inuman u degradanti bhal ma gara f'dan il-kaz minhabba l-pressjoni psikologika enormi li sofrew ir-rikorrenti u li minnha kienu ghadhom isofru sal-lum. Li t-tattament inuman jista' jkun mentali johrog ukoll mill-kazistika tal-Qorti nostrana.

"Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbu lill-Qorti:

"1. Tiddikjara li stante l-kwalita` tal-perit forensiku huma ma kellhomx smiegh xieraq u dan bi ksur tal-Artikolu 39 tal- Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittiijiet tal-Bniedem;

“2. Tiddikjara li ma kellhomx smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli u dan bi ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

“3. Tiddikjara d-dewmien fil-procedura jammonta ghal trattament inuman u degradenti li jmur kontra l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta;

“4. Thassar is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta’ Ottubru 1998;

“5. Taghti dawk l-ordniijiet u dawk ir-rimedji xierqa sabiex jitharsu d-drittijiet tar-rikorrenti.

“**B. ECCEZZJONIJIET:**

“Rat ir-risposta tal-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija li biha esponew:

“Illi preliminarjament il-Kummissarju tal-Pulizija mhux legittimu kontradittur f’din il-kawza stante li l-lanjanzi tar-rikorrenti kienu jirrigwardaw sentenza pronunzjata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fejn il-prosekuzzjoni ssir mill-intimat Avukat Generali u mhux mill-Pulizija.

“Illi l-Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha *ai termini* tal-Artikolu 46(2) peress li mezzi xierqa ta’ rimedju ghall-ksur allegat kienu disponibbli favur ir-rikorrenti. Jemergi car mill-istess rikors promotorju fejn jinghad testwalment li “In-nuqqas ta’ indipendenza tal-espert nominat mill-Qorti tqajmet mill-Avukat Difensur quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali izda l-Qorti injurat il-punt”. Issa huwa mahsub fil-Kostituzzjoni li meta tqum kwistjoni quddiem Qorti li ma jkollhiex gurisdizzjoni kostituzzjonali originali din, sakemm ma tqisx il-kwistjoni bhala sempliciment frivola u vessatorja, ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili biex taghti d-decizjoni taghha u l-Qorti li quddiema tkun qamet il-kwistjoni ghandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-decizjoni.

"Jidher li r-rikorrenti kienu ghazlu li ma jsegwux il-procedura li l-Kostituzzjoni tipprovdi f'kaz bhal dan u cioe` li jitolbu li ssir referenza kostituzzjonali. Issa li gew kundannati ghal ghemilhom ghazlu li jikkonvertu ghall-komodu taghhom il-Prim Awla f'Qorti ta' Kassazzjoni biex jitolbu l-annullament ta' sentenza regolarment enuncjata. Hu evidenti li r-rikorrenti ghazlu li jizvestu ruhhom minn rimedju u l-Qorti b'rispett lejn il-principju generali tad-dritt tac-certezza legali ghandha tirrifjuta li tezercita f'dan l-istadju inoltrat il-gurisdizzjoni taghha.

"Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess l-Artikolu 7 tal-Kap. 319 jipprovdi li l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali imwettaq qabel it-30 ta' April 1987 ma kellu jaghti lok ghat-tehid ta' azzjoni taht l-istess Kap. 319. Billi jidher li n-nomina tal-espert kontestat kienet saret qabel din id-data l-lanjanzi bbazati fuq il-Kap. 319 kienu inammissibbli *ratione temporis*.

"Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, mhux minnu li l-Qorti Kostituzzjonali kienet iddecidiet li l-espert forensiku Anthony Abela Medici ma jistax jitqies bhala espert indipendenti mill-prosekuzzjoni ghaliex jahdem mal-istess pulizija. Anzi kien hemm sentenzi, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, li kienu iddecidew bil-maqlub ta' dak li kienu qed jghidu r-rikorrenti. Is-sentenzi li jirriferu ghalihom ir-rikorrenti kienu jikkoncernaw esperti **membri fil-Korp tal-Pulizija** mentri Anthony Abela Medici qatt ma kien membru tal-Korp u ghalhekk anki fit-termini tal-ligi qatt ma kien jista' jigi assocjat mal-mansjonijiet ta' ufficjali prosekuturi. Bhala espert tal-Qorti l-lejaltajiet tieghu kienu lejn il-Qorti u la lejn il-prosekuzzjoni u lanqas lejn id-difiza.

"Illi ghar-rigward tal-lamentat trapass taz-zmien, anki skont il-gurisprudenza assodata tal-organi ta' Strasbourg, ir-ragonevolezza tat-tul tal-proceduri gudizzjarji tiddependi fuq ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u mhux b'semplici kontegg tan-numru tas-snin li tkun damet kawza biex tigi deciza mill-Qorti (**Konig v. FRG** Series A 27 para 99, 1978). Fatturi bhal komplessita` tal-kawza u l-agir tar-

rikorrenti hu determinanti daqs kemm kienu determinanti l-agir tal-gudikanti. Li hu accertat hu li ma kien hemm l-ebda "*time limit*" li l-qrati jridu ta' bilfors iharsu, ghaliex altrimenti l-interessi tal-gustizzja jigu pregudikati minhabba l-ghaggla zejda u inkonsulta. Ghalhekk mhux bizzejjed li r-rikorrenti jghidu li l-kawza taghhom damet tant snin biex tigi deciza u b'hekk kienu gew vjolati d-drittijiet fundamentali taghhom.

"Illi l-fatti tal-kaz juru li r-rikorrenti qed jibbanalizzaw il-portata tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni billi l-ligi kienet tirrikjedi trattament tali li jammonta ghall-agir intollerabbli f'socjeta` demokratika. Illi l-organi ta' Strasbourg dejjem irritjenew li jkun hemm trattament degradanti tal-persuna koncernata jekk it-trattament "*grossly humiliates him before others or drives him to act against his will or conscience*" (**Greece v. U.K.** Yearbook XII, 1969; **Ireland v. United Kingdom** B 23-1 1976-78; **Tyrer**, B. 24, 1977-78, **Guzzardi** B.35, 1979-80). Il-Kummissjoni qalet ukoll li l-mizuri kienu jridu jikkostitwixxu insult lid-dinjita` umana tal-applikant (Applikazzjoni 8930/80). L-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-allegat dewmien tal-proceduri gudizzjarji jikkostitwixxi trattament inuman u degradanti kien kwazi insult lejn l-awtorita` tal-Qorti meta allegazzjoni serja bhal din tigi abbinata mal-andament normali tal-process gudizzjarju.

"Illi fi kwalunkwe kaz ir-rikorrenti ma jistghux jinqdew bi procedura kostituzzjonali biex il-Prim Awla sservi bhala Qorti tat-tielet istanza b'gurisdizzjoni kriminali. Ghalhekk din il-Qorti ma tista' taqbad thassar u tannulla sentenza ta' Qorti Kriminali kompetenti meta kien jista' jkun hemm rimedji ohra aktar konfacenti mal-gurisdizzjoni taghha. Illi madankollu l-ebda rimedju ma jispetta lir-rikorrenti billi l-lanjanzi taghhom kienu bla fondament guridiku jew fattwali.

"Ghaldaqstant l-intimati talbu li (1) il-Qorti tiddeklina l-gurisdizzjoni taghha ghar-ragunijiet fuq imsemmija (2) subordinatament, il-Kummissarju tal-Pulizija jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju u (3) subordinatament tichad

fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti ghaliex infondati fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjez.
“Rat l-atti kollha tal-kawza.

“Semghet lix-xhieda bil-gurament.

“Semghet l-abili difensuri.

“Ikkunsidrat

“**C. PROVI:**

“Rat illi b’digriet tas-26 ta’ Marzu, 1999 giet ordnata l-allegazzjoni tal-process tal-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Gauci et** deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta’ Ottubru, 1998.

“Rat id-digriet tal-5 ta’ Ottubru, 1999 li bih din il-Qorti diversament presjeduta laqghet it-talba tar-rikorrenti u ordnat is-sospensjoni tad-dekors tat-terminu ta’ sena kominat mill-Qorti tal-Appell Kriminali ghal hlas tal-multa skont is-sentenza tal-5 ta’ Ottubru, 1998.

“Rat ir-rikors tal-appell ta’ Carmelo sive Charles Fenech fil-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Gauci et**, fol. 56 sa 73 tal-process; is-sentenza tal-1 ta’ Dicembru 1995 tal-Qorti tal-Magistrati bhala Gudikatura Kriminali (Magistrat Antonio Mzzi) fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Gauci et**, fol. 74 sa 85; u s-sentenza tal-5 ta’ Ottubru 1998 tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Imhallef Patrick Vella) fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Gauci et**, fol. 86 sa 103.

“Rat ukoll in-nota ta’ Carmel sive Charles Fenech li permezz taghha pprezenta t-tliet dokumenti li jissemmew hawn taht:

“Dokument A (fol. 106): li jindika li Dr. Anthony Abela Medici meta gie nominat mill-Qorti, kien *Professional Officer* III fid-Dipartiment tal-Pulizija ghax jifforma parti mill-i*Staff List* tad-Dipartiment tal-Pulizija fl-1984;

“Dokument B (fol. 107): *Staff List* tad-Dipartiment tal-Pulizija ghas-sena 2000 li tikkonferma li Dr. Anthony Abela Medici kien ghadu jokkupa l-istess kariga fi hdan il-Korp tal-Pulizija;

“Dokument C (fol. 108): li jirrapprezenta l-allokazzjoni tal-*Budget* ghas-sena 1984 ghall-Korp tal-Pulizija.  Minnu jidher li dak iz-zmien fil-Korp tal-Pulizija bhala persuna fil-kariga ta’ *Professional Officer* III kien hemm persuna wahda biss u s-salarju taghha kien jithallas direttament mill-allokazzjoni finanzjarja tal-Gvern ghad-Dipartiment tal-Pulizija.

“Semghet bil-gurament lil Charles Fenech li semma li l-i*staff list* u l-*budget* tal-1984 u l-2000 juru li Dr. Abela Medici li kien gie nominat fl-1984 bhala espert tal-Qorti, kien membru tal-Korp tal-Pulizija.  Zied jghid li hu kien mar ma’ Dr. David Camilleri u Dr. Edward Zammit-Lewis biex jaraw il-process u kitbu d-dati u l-fatti u kkonferma l-kontenut tad-dokument “CF1”.

“Xehed Dr. Jose` Herrera li rrefera ghal dokument li kien ipprepara ma’ Dr. Edward Zammit-Lewis u qal li l-fatti msemmija f’dan id-dokument jaf bihom personalment.

“Xehed Paul Miruzzi, Assistent Registratur fil-Qorti, li qal li bazikament li jaf minghajr ma ghamel verifiki hu li l-process in kwistjoni gie legat bis-solita sistema.  Gie mistoqsi dwar il-mod specifiku kif gie legat, kemm il-volum hemm, meta gew legati u f’liema perjodu nizlu ghal-legatura u kif gew legati, u hu kellu jaghmel verifiki.  Dwar il-procedura tas-soltu qal li normalment il-process ma jitlax legat fl-istadju tal-appell inferjuri.  Mistoqsi jekk ikunx hemm processi voluminuzi fejn ikunu anke legati isfel irrisponda li le, u li din hija r-regola.  Dan ifisser li jkun gie legat wara li jkun gie deciz mill-Qorti tal-Appell.  Ma kienx jaf jekk jinzammux *records* meta process ikun gie legat u kien ser jaghmel verifiki dwar dan.  Ghamel distinzjoni dwar legatura dwar process li jkollu l-*clips* fil-genb jew kif kienu jkunu precedentement mehjutin bl-ispag pero` b’qoxra tal-kartoncin ghal-legar proprja u dak li irreferixxa ghalih hu meta volum ikun legat bil-*hard binding* b’kollox u

cioe` jkollu qoxra tal-kartun. Meta kien qed jghid legat ried ifisser ghal dan tal-ahhar.

“In kontro-ezami qal li l-ufficcju tieghu sa ftit jiem ilu kien fl-ufficcju tal-kriminal. Lir-rikorrenti jafhom u jaf il-kaz taghhom. Ftakar lir-rikorrenti jmorru fir-registru tal-kriminal biex jikkonsultaw mal-process. Dan ifisser li gieli anke kellhom il-process f’idejhom. Kienu jaghmlu sieghat twal jaqrawh. Dejjem kien ikun hemm xi hadd tal-Qorti prezenti hdejhom. Kienu jikkonsultawh fuq il-*counter* tar-registru tal-Qorti Kriminali. Dan il-process fih diversi volumi. Issir talba lil xi hadd mill-iskrivani li jkun hemm pero` fizikament ikun xi messaggier li jnewwlu. Jikkonsultaw lid-deputat biex jaraw jekk humhiex intitolati jaraw il-process, ix-xhud jew Joe Sammut. Gieli kienu jkunu jafu min huma u allura ma kienx ikun hemm bzonn biex jaraw *identity cards*. Ovvjament il-processi kien hemm zmien li marru ghall-*binding* fl-arkivju u dan wara s-sentenza.

“Kien hemm zmien meta l-process tant kien qed jintalab spiss li kienu iddecidew li jzommuh fir-registru. Aktar regolari li l-imputati jew ir-rikorrenti f’dan il-kaz jaraw il-process. Rari hafna kien il-kaz li tkun il-prosekuzzjoni li talbitu. Sa fejn jiftakar hu ricentement kienet talbitu l-prosekuzzjoni. Dan kien fl-okkazjoni meta l-ufficcju tal-Avukat Generali infurmawh li kien hemm xi partijiet neqsin fil-process u ghalhekk kienu talbu biex jaraw il-process u ezaminah hu wkoll. Kien induna b’faccata ta’ kulur isfar li hija nieqsa u dan minhabba l-fatt li meta inti thares taghti indikazzjoni ta’ qisha faccata li giet migbuda u li parti mill-karta baqghet gewwa fil-*binding*. Ma ftakarx jekk l-enumerazzjoni tal-process tkomplix ghaddejja jew le fejn hemm din il-faccata li qal li hi nieqsa. Gie mistoqsi kemm ilu li l-ufficcju ta’ l-Avukat Generali staqsa biex jara l-process u qal li aktar minn sena zgur pero` ma setax jiftakar bl-ezatt.

“Wera lill-Qorti l-erba’ volumi riferibbli ghall-kumpilazzjoni kif ukoll ghall-appell inferjuri fil-kawza fl-ismijiet **Pulizija v. Joseph Gauci et**. Dawn huma l-volumi 101a, b, c u d tas-sena 1988 u kienu fid-data tal-5 ta’ Ottubru 1988. Qal li

hu personali m'ghandux x'jaqsam mal-*binding*. Kien jaf li meta tasal fil-volum 101a pagna 88 li huwa *envelope* u li fuq l-istess *envelope* barra l-firma tal-Magistrat Depasquale hemm ukoll dokument "AC2" fotokopji tal-*entries* relevanti mehuda mil-*log books* tad-Dwana u esebita fit-8 ta' Marzu 1984 jinsab mehjut barra l-istess *envelope* id-Dokument "AC2" minghajr numri. Wara dan tinstab fol. 88 maqtugha u minflok miktub 89 u fuqu hemm Dokument "AC3" u "AC4" u l-*envelope* ghalhekk suppost jikkontjeni dawn. Effettivament f'dak l-ispazju nstab dokument li mhux mehjut liema dokument mhux numerat u anqas biss ghandu fuqu li huwa imsemmi bhala dokument. Dawn huma fotokopji ta' tliet *foolscaps* li minnu tidher il-firma tal-Magistrat illum Imhallef Dr. Anton Depasquale pero` ma hemmx ebda enumerazzjoni jew bhala dokument. Meta rah ix-xhud il-volum kien f'dan l-istat u cioe` li fuq il-karti msemmija jidhru t-toqob tal-hjata u jahseb li kien hemm xi zmien li kien mehjut ghax it-toqob tal-hjata kif inhuma jidhru li l-volum. Is-sistema normali hija li volum l-ewwel jitla' mill-Qorti t'isfel b'*soft covers* u mbaghad xi sena wara bejn wiehed u iehor jinzel isfel fl-arkivju ghall-binding u jkun fil-forma li prezentement hu. Id-dokument li sab li mhux mehjut ma kienx jaf x'inhu.

"Ftakar li kienu marru Dr. Bondin u Dr. Donatella Frendo Dimech li kienu staqsew ghall-volum. Normalment dawn il-volumi kienu jinzammu fl-arkivju izda dan kien qieghed fir-Registru tal-Kriminal. Dr. Bondin u Dr. Frendo Dimech allegawlu li kien hemm dokument nieqes. Hu ezamina l-process kollu u sab id-dokument li qed isemmi. Dan kien milwi bejn fol. 87 u fol. 88. Il-bicciet sofor li ghamel referenza ghalihom huma d-dokument li nstabu *loose* fil-process. Fil-process hemm xi dokumenti li m'ghandhomx numru. Mill-process tal-*binding* jidher car li l-*binding* sar wara li nghatat is-sentenza. Dan ifisser li qabel kien hemm tip ta' *binding* iehor.

"Xehed <u>Martin Fenech</u>, *bookbinder* fil-Qorti u ilu f'din il-kariga mill-1994. Gie muri l-volumi 101 a, b, c u d pero` ma setax jghid jekk kienx hiethom hu ghax il-procedura tal-hjata hija l-istess u allura ma setax jghid. Huma ma jzommux nota meta jkun nizel volum jew tela'. Gie muri d-

dokument li jinstab bejn fol. 87 u 88 tal-process tal-volum 101a u qal li dan id-dokument jidher kollu kemm hu maqlugh ghax it-toqob li ghandu huma mcarrtin fit-tarf. Kif inhu bit-*tape* mieghu jidher li kien legat bit-*tape* b'kollox. Probabbilment mar minhabba t-*tape*. Normalment biz-zmien jitqarqac u b'hekk ikun aktar facli li jitqatta'.

"Xehed Dr. Franco Bondin li qal li fil-kors ta' din il-kawza, fil-bidu taghha, kienet inqalghet problema rigward xi xhieda li nghatat matul il-procedura kriminali tar-rikorrenti, u r-rikorrenti kienu qeghdin jallegaw li kien hemm ix-xhieda ta' certu Ranier u certu Demoth li kienet nieqsa u li huma vverifikaw u ma sabuhomx. Hu kien mar jara l-process ma' Dr. Donatella Frendo Dimech u marru r-registru tal-Qorti Kriminali u ghamlu tfixxija ghal din ix-xhieda. Huma kienu sabu x-xhieda traskritta ta' Demoth u ta' Ranier u din kienet tinstab gewwa *envelope* fl-ahhar tal-volum numerat 101d. Ftakar li wara, il-Prof. Refalo kien qal li kellu jivverifika ha jara l-*envelope* hux qieghed hemmhekk u kien allega li dan l-*envelope* jew qatt ma kien ezista ghax hu ma rahx jew qatt ma kien hemmhekk. In kontro-ezami kkonferma li x-xhieda hu raha fil-volum 101d. Fis-17 ta' Mejju 2000 hu ddikjara li m'hemm l-ebda pagni neqsin u l-imsemmija xhieda ta' Ranier u Demoth jinsabu fil-volum 101d tal-istess process. Hu ma kienx cert jekk kienx hemm rogatorji ta' persuni ohra ta' nazzjonalita` barranija. Hu kien mar ifittex wara li kien hemm allegazzjoni mir-rikorrenti li kien hemm xhieda nieqsa fil-process.

"Xehedet Dr. Donatella Frendo Dimech, Avukat tar-Repubblika, li qalet li Dr. Bondin kien talabha biex takkumpanjah biex ifittxu xi rogatorji u hi marret mieghu fir-registru tal-Qorti Kriminali. Qalet li ghall-ewwel ftit ma sabuhomx imma mbaghad instabu. Kienu qeghdin f'*envelope* qisu bhal tad-DHL, tip ta' kartun iebes. Dawn kienu legati qisu b'habel irqieq, ftit ehxen minn spag u kienu gew legati proprju minn fejn suppost kien jista' jinfetah u fihom kien hemm dawn ir-rogatorji li Dr. Bondin kien qieghed ifittex. Ftakret li l-volum li nstabu fih kien il-101d. Kienet iltaqghet mal-Imhallef Vella li qalilha li kien

rahom. Ikkonfermat li d-dokumenti kienu hemm u kkonfermat ukoll li kienu legati bil-maqlub.

"In kontro-ezami qalet li din il-verifika ghamlitha bejn wiehed u iehor fit-tarf tal-1999 pero` aktar probabbli li fis-sena 2000. Id-dokumenti kienu bil-Germaniz u kien hemm traduzzjoni ghall-Ingliz u kien hemm anke xi haga bil-Malti.

"**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

"***D1.Legittimu kontradittur:***

"L-ewwel eccezzjoni fir-risposta tal-Avukat Generali tirreferi ghall-fatt li l-Kummissarju tal-Pulizija mhux legittimu kontradittur f'din il-kawza. Hu jsostni li l-lanjanzi tar-rikorenti jirrigwardaw sentenza pronunzjata mill-Onor. Qorti tal-Appell Kriminali. Il-proceduri f'din it-tip ta' kawza jitmexxew mill-Avukat Generali u mhux mill-Pulizija u ghalhekk l-Avukat Generali jsostni li l-Kummissarju tal-Pulizija mhux legittimu kontradittur.

"Huwa ovvju li l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti jirrigwardaw proceduri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u li f'dawn il-proceduri huwa l-Avukat Generali li jmexxi l-prosekuzzjoni. Minhabba f'hekk hemm it-talba tal-intimat biex il-Kummissarju tal-Pulizija jkun liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress li huwa illegittimu kontradittur.

Huwa veru li meta l-kawza bdiet tinstema' fil-kors tal-Kumpilazzjoni l-prosekuzzjoni kienet immexxija minn Spettur tal-Pulizija, u infatti fl-atti tal-Kumpilazzjoni jissemma **Pulizija (Spettur Joseph Psaila) v. Joseph Gauci** u infatti meta kienet bdiet il-kawza fit-2 ta' Marzu 1984 quddiem il-Qorti tal-Pulizija Gudizzjarja bhala Qorti Istruttorja, fl-okkju nsibu **Il-Pulizija v. Gauci**. Izda xorta wahda fil-fehma tal-Qorti meta kien hemm il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, il-figura tal-Kummissarju tal-Pulizija spiccat u hemm minflokha dik tal-Avukat Generali.

"Taht l-Artikolu 181B tal-Kap. 12, fis-subartikolu 2, jinghad:

""L-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern."

"Ghalhekk tilqa' din l-eccezzjoni u tillibera lill-Kummissarju tal-Pulizija mill-osservanza tal-gudizzju.

"***D2.*** ***L-Artikolu 7 tal-Kap, 319:***

"L-Avukat Generali eccepixxa li a bazi tal-Artikolu 7 tal-Kap. 319 ebda allegazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali imwettaq qabel it-30 ta' April 1987 ma ghandu jaghti lok ghat-tehid ta' azzjoni taht il-Kap. 319.

"Jidher li n-nomina tal-espert kontestat saret qabel id-data tal-lanjanzi bazati fuq il-Kap. 319 u ghalhekk fil-fehma tal-Avukat Generali t-talbiet huma inammissibbli *ratione temporis*. Infatti l-Avukat Generali jikkontendi li in kwantu l-allegazzjoni ta' ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja minhabba n-nuqqas ta' imparzjalita` u indipendenza tal-espert forensiku l-Kap. 319 mhux applikabbli peress li l-Artikolu 7 tal-istess Kap jeskludi mill-ambitu` tal-istess Kapitolu dak kollu li sehh qabel it-30 ta' April 1987, fosthom il-hatra tal-espert forensiku.

"L-Artikolu 7 tal-Kap. 319 jghid hekk:

""Ebda ksur tal-Artikoli 2 sa 18 (inkluzi) tal-Konvenzjoni jew tal-Artikoli 1 sa 3 (inkluzi) tal-Ewwel Protokol li jsir qabel it-30 ta' April 1987 jew tal-Artikoli 1 sa 4 (inkluzi) tar-Raba' Protokol, l-Artikoli 1 u 2 tas-Sitt Protokol jew tal-Artikoli 1 sa 5 (inkluzi) tas-Seba' Protokol li jsir qabel l-1 ta' April 2002, ma ghandu jaghti lok ghal xi azzjoni taht l-Artikolu 4."

"Ara f'dan ir-rigward **Louis Manduca v. Prim Ministru et**, 13 ta' Jannar 1999, Qorti Kostituzzjonali.

"Il-Qorti tosserva li ghalkemm in-nomina ta' Dr. Anthony Abela Medici saret qabel id-data msemmija tat-30 ta' April, 1987, il-kawza kontra r-rikorrenti tkompliet wara dik id-data b'mod li meta inghatat is-sentenza [li qiset ir-rizultanzi tan-nomina] kienet ghaddiet tali data. Ukoll hemm xi lanjanzi tar-rikorrenti mhumiex marbuta ma' qabel it-30 ta' April, 1987. Ghalkemm ir-rikorrenti ilmentaw mill-hatra ta' Dr. Abela Medici, din trid tiftiehem l-effetti ta' tali hatra u cioe` deposizzjonijiet, konkluzjonijiet u rapporti. Ghal dawn il-motivi tichad din it-tieni eccezzjoni.

"***<u>D3</u>.*** ***<u>L-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni</u>:***

"L-Avukat Generali eccepixxa li l-Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha peress li mezzi xierqa ta' rimedju kienu disponibbli favur ir-rikorrenti. L-Avukat Generali jirreferi ghall-fatt li l-aspett tan-nuqqas tal-indipendenza ta' l-espert nominat tqajmet mill-avukat difensur quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali u l-istess avukat difensur tar-rikorrenti jissolleva li l-Qorti injorat il-punt.

"L-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni jsemmi dwar meta quddiem xi Qorti li ma tkunx il-Prim Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur tal-Artikoli 33 sa 45 u dan meta l-Qorti ma tqisx il-kwistjoni bhala frivola jew vessatorja, u kif il-Qorti tibghat din il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghad-decizjoni taghha.

"Infatti l-Avukat Generali jsostni li r-rikorrenti m'ghamlux talba ghar-referenza kostituzzjonali u li wara li nstabu hatja qed jippruvaw juzaw dawn il-proceduri ghall-annullament u ghalhekk, skont l-Avukat Generali, il-Qorti ghandha l-obbligu li tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha minhabba li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat kienu disponibbli favur ir-rikorrenti u dawn ma ghazlux li juzawhom. L-Avukat Generali jsemmi li f'ebda stadju tal-proceduri ma tqajjem il-punt dwar l-espert forensiku, izda biss waqt il-proceduri Kostituzzjonali (fol. 213). Isemmi li ma saret ebda talba ghar-rikuza tal-espert jew li tali ezami

jsir mill-gdid. Anqas sar qatt xi appell dwar il-hatra tal-espert u anqas ebda referenza a tenur tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni. Ghalhekk isostni li r-rikorrenti kellhom kull opportunita` li jutilizzaw il-mezzi ordninarji provvduti mil-ligi u ghalhekk fil-fehma tal-istess Avukat Generali r-rikorrenti zvestew ruhhom minn dawn id-drittijiet.

“Il-Qorti skont il-*proviso* ta’ l-artikolu 46(2):

““Izda l-Qorti tista’, jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skont dan is-subartikolu f’kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta’ rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi ligi ohra.”

“Il-Qorti ghalhekk ghandha l-obbligu li tezamina jekk kienx hemm mezzi adegwati ta’ rimedju ghall-ksur allegat, u hawnhekk thoss li dawk ir-rimedji msemmija mill-Avukat Generali kienu mezzi xierqa. Ara **Domenico Savio Spiteri v. Chairman Awtorita` tal-Ippjanar et**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta’ Gunju 1999; **Dr. Mario Stilon De Piro *pro et noe* v. Kummissajru tal-Artijiet**, deciza mill-Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) fis-7 ta’ Lulju 2004; **Emanuel Ciantar vs Kummissarju tal-Pulizija**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta’ Novembru 2001; u **Alfred Schembri v. Kontrollur tad-Dwana *et***, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta’ Marzu 2004.
“Min-naha taghhom ir-rikorrenti rreferew ghas-sentenza **Tonio Vella v. Kummissarju tal-Pulizija *et*** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta’ April 1991 fejn il-Qorti nghatat diskrezzjoni wiesgha fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja biex tezamina l-fattispeci u c-cirkostanzi partikolari tal-kaz halli tasal ghad-decizjoni jekk ghandhiex tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha. A bazi ta’ dan, a fol. 225, jistaqsu x’rimedji kellhom disponibbli u jikkontendu li l-Qorti ghandha tezamina l-lanjanzi ghax ghandhom ilment genwin.

“Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-25 ta’ Frar 2009 moghtija minnha kif presjeduta fl-ismijiet **Christopher Hall v. Direttur tad-Dipartiment tal-Akkomodazzjoni Socjali et** (Rikors Numru 1/03K-FS) fejn intqal:

""Fil-kawza fl-ismijiet **Stephen Falzon v. Registratur tal-Qorti et** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili [LFS] fl-14 ta' Frar, 2002 il-Qort qalet:

"Fil-fehma tal-Qorti f'din il-kawza ghandu importanza kbira l-proviso tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni."

"Fl-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni nsibu l-proviso li jghid:

""Izda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skont dan is-subartikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi ligi ohra."

"Fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) deciza fid-29 ta' Ottubru, 1993 fl-ismijiet **Martin Gaffarena v. Kummissarju tal-Pulizija et** insibu:

""Maghmula dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti ser tidhol fil-meritu tal-eccezzjoni, u tibda biex tghid, kif persistentement minnha dikjarat u sostnut, illi, bhala regola, meta si tratta ta' kawza ta' din ix-xorta, il-Qorti ghandha tiddirigi ruhha lejn ir-rifjut tal-ezercizzju tas-setghat taghha taht l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, mhux biss meta ma jistax isir mod iehor ghaliex ir-rimedju jkun essenzjalment residenti quddiem Qorti ohra, imma anke, per ezempju, meta l-indagini gudizzjarja u r-rimedju ghall-ilment ikunu sostanzjalment duplikati fiz-zewg mezzi miftuha ghal min ikun qieghed iressaq l-ilment. Meta l-aspetti tal-indagini jkunu ta' natura prevalentament kostituzzjonali, bir-rimedji propriji pedissekwi, ix-xejra ghandha tmur lejn l-esercizzju tas-setghat li l-Kostituzzjoni ta' Malta, fl-Artikolu 46 (2), taghti lil Qorti Civili Prim Awla."

"Il-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Marzu, 1994 fil-kawza fl-ismijiet **Dr. Mario Vella v. Joseph Bannister nomine**, wara li ezaminat numru ta' sentenzi kienet qalet hekk:

““Minn din ir-rassenja tas-sentenzi kemm tal-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili kif ukoll ta’ din il-Qorti, jistghu jitnisslu dawn il-linji gurisprudenzjali:

“(a) Meta huwa car li hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed jillamenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati, u r-rikors ghall-organi gudizzjarji ta’ natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli.

“(b) Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirrizultawx ragunijiet serji u gravi ta’ illegalita` jew ta’ gustizzja jew ta’ zball manifest, ma tiddisturbax l-ezercizzju ta’ diskrezzjonalita` tal-ewwel Qorti konferit mill-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.

“(c) Kull kaz ghandu l-fattispecie partikolari tieghu.

“(d) Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li seta’ kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkonsidra li m’ghandiex tezercita l-gurisdizzjoni taghha jekk, dak il-possibli rimedju ma kienx pero` se jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent.

“(e) Meta r-rikorrent ma jkunx ezawrixxa r-rimedji ordinarji, jekk pero` dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa ghalih l-operat ta’ haddiehor, allura ma jkunx desiderabbli li l-Qorti tieqaf u ma tipprocedix bit-trattazzjoni tal-kaz.

“(f) Meta l-ewwel Qorti tezercita d-diskrezzjoni taghha u tieqaf mit-trattazzjoni minghajr ma tezamina l-materja necessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata, il-Qorti tat-tieni grad ghandha twarrab dik id-diskrezzjoni.”

“Fil-kawza fl-ismijiet **Lawrence Cuschieri v. L-Onor. Prim Ministru** deciza fis-6 ta’ April, 1995, il-Qort Kostituzzjonali qalet:

““Hu veru li kull persuna tista' tirrikorri lill-Prim Awla ghal rimedju ta' indole kostituzzjonali, imma l-ewwel subinciz ta' dak l-Artikolu 46 irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinciz tieghu li jipprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skont dak l-artikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat "huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi ligi ohra". Hu veru wkoll illi din il-fakolta` hija diskrezzjonali ghall-Qorti imma hu car li l-ezercizzju ta' tali diskrezzjoni ma jistax ikun wiehed kapriccuz jew legger. Hu ovvju illi ma hux indikat - jekk mhux f'kazijiet verament eccezzjonali li jikkonvincu lill-Qorti mod iehor - illi l-ewwel Qorti tezercita s-setghat taghha sakemm kienu, huma jew ghadhom, miftuhin ghar-rikorrent rimedji ohra adegwati fil-parametri tal-ordinament gudizzjarju, kemm dawk ordinarji permezz ta' appell kif ukoll dawk straordinarji permezz ta' ritrattazzjoni. Sakemm tibqa' l-possibilita` li l-lezjoni tad-dritt fondamentali setghet kienet jew ghad tista' tigi rettifikata bil-proceduri u mezzi provduti bil-ligi, ikun generalment il-kaz li l-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha.”

“Dawn l-istess principji kienu applikati fis-sentenzi tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) deciza fis-27 ta’ Lulju, 1995 fl-ismijiet **Paul Makay v. Kummissarju tal-Pulizija** u deciza fil-21 ta’ April, 1995 fl-ismijiet **Anton Scicluna pro et noe v. Prim Ministru**.

“Dan il-*proviso* ghalhekk mhux xi wiehed li jista’ jittiehed b’mod laxk jew kapriccuz. Mhux intiz biex il-Qorti tahrab mir-responsabbilta`; izda min-naha l-ohra l-Qorti ghandha l-obbligu li f’certu cirkostanzi tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha f’kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta’ rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi ligi ohra. Altrimenti tkun qeghda tagixxi ta’ Qorti tat-tielet istanza – haga li tmur kontra l-ligi. Jekk kien hemm mezzi xierqa ohra il-Qorti ghandha tiddirigi ruhha lejn ir-rifjut tal-ezercizzju tas-setghat taghha taht l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, mhux biss meta ma jistax isir mod iehor ghaliex ir-rimedju jkun essenzjalment residenti quddiem Qorti ohra, imma

anke meta l-indagini gudizzjarja u r-rimedju ghall-ilment ikunu sostanzjalment duplikati fiz-zewg mezzi miftuha ghal min ikun qieghed iressaq l-ilment. Ir-rikors ghall-organi gudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli. Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li seta' kellu, il-Qorti m'ghandhiex tikkonsidra li tezercita l-gurisdizzjoni sakemm ma jirrizultax li dak il-possibli rimedju ma kienx pero` se jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent. Ghalhekk ma hux indikat - jekk mhux f'kazijiet verament eccezzjonali li jikkonvincu lill-Qorti mod iehor - illi l-ewwel Qorti tezercita s-setghat taghha sakemm kienu, huma jew ghadhom, miftuhin ghar-rikorrent rimedji ohra adegwati fil-parametri tal-ordinament gudizzjarju, kemm dawk ordinarji permezz ta' appell kif ukoll dawk straordinarji permezz ta' ritrattazzjoni. Sakemm tibqa' l-possibilita` li l-lezzjoni tad-dritt fundamentali setghet kienet jew ghad tista' tigi rettifikata bil-proceduri u mezzi provduti bil-ligi, ikun generalment il-kaz li l-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha.

"Fil-kawza **Tat-Taljan Company Limited v. L-Awtorita` tal-Ippjanar** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Novembru 2001 intqal:

""sakemm tibqa' l-possibilita` li leżjoni ta' xi dritt fundamentali seta' kien, jew għad jista' jiġi, rettifikat bil-proċeduri u mezzi ordinarji provduti mil-liġi, ikun ġeneralment il-każ li din il-Qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha. Fejn għad hemm disponibbli mezzi ordinarji, dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li r-rimedji ordinarji jiġu eżawriti definittivament jew meta ma jkunux disponibbli."

"Interessanti wkoll dak li ntqal mill-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni fil-kawza **Mary Green et v. Avukat Ġenerali et** tat-13 ta' April 2007 fejn intqal:

""Illi meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-

dawl tal-ksur tal-jedd fundamentali li jkun qed jigi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser; għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat. M'hemmx ghalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se jaghti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi…"."

"**E. KONKLUZJONIJIET:**

"In vista tal-premess, il-Qorti thoss li ghandha tilqa' din l-eccezzjoni tal-Avukat Generali bazata fuq il-*proviso* tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u ghalhekk qieghdha tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha minhabba li hi sodisfatta li kif issemma fuq mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat kienu disponibbli favur ir-rikorrenti.

"Minhabba l-eccezzjonijiet precedenti kif ukoll in-natura tal-kaz, il-Qorti tordna li l-ispejjez ikunu sopportati bin-nofs."

**L-appell tar-rikorrenti**

2.1 Ir-rikorrenti hassewhom aggravati bis-sentenza surreferita u interponew appell minnha bit-talba segwenti, jigifieri li din il-Qorti:

"......joghgobha timmodifika u tvarja s-sentenza moghtija fid-29 ta' Settembru 2009 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili...billi tikkonferma dik il-parti fejn laqghet l-eccezzjoni tal-Avukat Generali li l-Kummissarju tal-Pulizija mhux il-legittimu kuntradittur, tikkonferma wkoll dik il-parti fejn cahdet it-tieni eccezzjoni izda minflok taqta' billi tichad l-eccezzjoni tal-appellat dwar id-diskrezzjoni tal-Qorti a tenur tal-Artikolu 46(2) u li l-atti tal-kawza jergghu jintbaghtu quddiem l-ewwel Qorti halli l-kawza tkompli tinstema' fuq il-mertu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat."

2.2 L-aggravji tal-appellanti jistghu, in succint, jingabru fil-punti li gejjin - ghalkemm tajjeb li jinghad li l-mod kif

inhuma konfezzjonati u riportati dawn l-aggravji huwa wiehed kemmxejn konfuz u, in parte, neboluz ghall-ahhar:

(1) Wara li jaghmlu riferenza ghall-argumenti migjuba mill-appellat fir-rigward tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u jaghmlu accenn ghal decizjonijiet in propozitu moghtija minn din il-Qorti, l-appellanti jissottomettu li f'kazijiet li jimmeritaw li jigu ezaminati sew "taht il-lenti tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropeja (dwar id-Drittijiet tal-Bniedem)" – imqar jekk dawn setghu jigu taht xi ligi ohra – dawn ghandhom jigu hekk ezaminati fid-dawl ta' dawk ir-rimedji provduti sija taht il-Kostituzzjoni u sija taht il-Konvenzjoni. F'kazi bhal dawn, il-Qorti Kostituzzjonali ghandha s-setgha li tirrevedi d-diskrezzjoni ezercitata mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fejn din tkun iddeklinat milli tiehu konjizzjoni tal-ilmenti li jkunu saru dwar lezjoni Kostituzzjonali jew Konvenzjonali. L-ezistenza *o meno* ta' "rimedju iehor" moghti lil parti "ghandha tirrizulta lill-Qorti bhala stat ta' fatt attwali u objettiv", u d-decizjoni li ma tezercitax is-setghat moghtija lilha tistrieh fuq tali stat ta' fatt.

Fid-dawl tas-suespost, l-allegazzjonijiet taghhom dwar ksur tad-drittijiet skont l-Artikolu 3 u 6 tal-Konvenzjoni kienu "jimmeritaw konsiderazzjoni partikolari minhabba l-konsegwenza tal-ksur taghhom". L-allegat ksur tal-Art. 6 "wassal ghal deprivazzjoni tal-liberta` tal-appellanti fuq bazi ta' fatti li messhom ma kienux konsidrati". Jekk sar ksur tal-Art. 3 allura "dan ifisser li l-Istat jista jigi misjub hati (ta') trattament inuman."

F'dan il-kaz in ezami ghalhekk certament "m'huwiex desiderabbli li l-Qorti ma tismax il-kaz", isostnu l-appellanti, billi huwa kaz serju. Diversament ikun "jimplika t-telf jew tnaqqis serju ta' drittijiet fundamentali taghhom".

2.3 Fil-mertu, l-appellanti jissottomettu li gia` kien hemm pronunzjamenti tal-Qorti favur it-tezi taghhom dwar il-hatra ta' esperti li l-ewwel Qorti skartat milli tinvestiga.

Barra minn dan, id-dewmien esagerat tal-proceduri affettwa serjament l-apprezzament tal-provi, anke

minhabba bdil ta' gudikant ghal iehor, li ssarraf ukoll f'nuqqas ta' *doppio esame* li suppost isir meta l-kawza ghaddiet quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

Inoltre, l-ghazla tal-appellanti li jitolbu riferenza Kostituzzjonali, isostnu huma, issa spiccat. Skont l-appellanti huma m'ghandhom "l-ebda rimedju effikaci ulterjuri x'javvanzaw ghajr din il-kawza".

Jghidu li hafna mil-lanjanzi taghhom kienu "konsegwenza tal-ahhar sentenza u ghalhekk ma setghu qatt jigu dibattuti qabel l-gheluq ta' dawk il-proceduri".

Huma kienu ilmentaw li kien hemm ksur tal-Art. 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikoli 3 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, u mhux biss dwar il-principju tal-indipendenza tal-espert tekniku. L-ilment taghhom minhabba dewmien u l-effetti detrimentali li dawn kellhom fuq l-appellanti gew totalment injorati mill-ewwel Qorti, li illimitat ruhha biss dwar in-nomina peritali u waqfet hemm.

**<u>Ir-risposta tal-appellati</u>**

3. L-appellati wiegbu li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma. Jghidu li l-ewwel Qorti tat interpretazzjoni korretta tal-Art. 46 tal-Kostituzzjoni u tal-Art. 4 tal-Kap. 319.

Hemm bilanc li hu protett f'dawn iz-zewg artikoli, jigifieri bejn li l-Qorti ma tabdikax ir-responsabbilta` taghha bhala Sede Kostituzzjonali u li tisma' u tiddeciedi kawza li tkun quddiemha izda min-naha l-ohra ma thallix li dan ir-rimedju straordinarju jigi wzat "meta hemm rimedju ordinarju li jaghti rimedju effettiv lir-rikorrenti". Wara li qieset il-provi u applikat il-gurisprudenza dwar l-ilmenti mressqa, l-ewwel Qorti sabet li kienu jezistu rimedji ordinarji.

Il-Qorti Kostituzzjonali m'ghandhiex isservi bhala Qorti ta' revizjoni. L-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni "ma jitlobx li r-rimedju bilfors ikun ghadu possibbli" kif jinsinwaw zbaljatament l-appellanti.

Kemm fir-rigward tal-ilment dwar il-hatra ta' espert forensiku, kif ukoll dwar l-allegazzjonijiet l-ohra kien hemm rimedji li setghu jigu utilizzati. Per ezempju setghet saret riferenza kostituzzjonali fil-mori tal-proceduri minhabba l-allegat trapass twil ta' zmien fihom, jew talbiet ghal smiegh bl-urgenza.

Ikun abbuz, isostnu l-appellati, jekk Qorti ta' indole Kostituzzjonali tintuza bhala Qorti ta' revizjoni. M'hemmx ghalhekk lok li tigi disturbata d-diskrezzjoni li giet ezercitata mill-ewwel Qorti meta din iddecidiet li ghandha tiddeklina kif hemm provdut fl-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

4. Bhala retroxena tal-fatti in kawza jirrizulta li wara li kienu ttiehdu proceduri kriminali kontra l-appellanti, huma gew misjubin hatja ta' diversi reati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'sentenza moghtija fl-1 ta' Dicembru 1995. Ir-rikorrenti appellanti appellaw minn dik is-sentenza, izda fil-5 ta' Ottubru 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat, fil-maggjor parti taghha, l-ewwel sentenza. In konsegwenza ta' din is-sentenza, ir-rikorrenti appellanti gew ikkundannati li jhallsu kull wiehed minnhom multa sostanzjali fi zmien sena mid-data tas-sentenza, u fin-nuqqas, din il-multa tkun konvertibbli fi prigunerija skont il-ligi, jigifieri ghal perjodu ta' tmintax-il xahar (18). Il-proceduri kriminali bdew fit-2 ta' Marzu 1984 (ara atti process kriminali annessi) u gew terminati fil-5 ta' Ottubru 1998.

Fis-17 ta' Marzu 1999, ir-rikorrenti pprezentaw rikors quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) b'lanjanzi rigwardanti n-nomina tal-perit forensiku fil-kors tal-proceduri kriminali, nuqqas ta' smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli, kif ukoll trattament inuman u degradanti u, kwindi, qeghdin jallegaw li kien hemm lezjoni tal-Artikoli 36 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll ksur tal-Artikoli 6 u 3 rispettivament tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Ghalhekk ukoll, huma qeghdin

jitolbu li tithassar is-sentenza surreferita moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta’ Ottubru 1998 bhala rimedju, kif ukoll li jinghataw dawk l-ordnijiet u dawk ir-rimedji xierqa sabiex jitharsu d-drittijiet taghhom.

Tajjeb li jigi rilevat li fil-mori tal-proceduri, inghata digriet mill-Prim Awla, in data tal-5 ta’ Ottubru 1999, li bih laqghet it-talba tar-rikorrenti ghal fini tas-sospenzjoni tad-dekors tat-terminu ta’ sena ghal fini tal-hlas tal-multa li giet inflitta skont l-imsemmija sentenza. Jizdied ukoll jinghad li b’digriet iehor precedenti, in data tas-26 ta’ Marzu 1999, giet ordnata l-allegazzjoni tal-process tal-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Gauci et**, dik jigifieri riferibbli ghal dan il-kaz.

Kif rajna, il-Prim Awla tal-Qorti Civili, wara li ddisponiet, billi laqghet, l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati li l-Kummissarju tal-Pulizija m’huwiex legittimu kontradittur f’din il-procedura, finalment iddecidiet, dwar il-bqija tat-talbiet u l-eccezzjonijiet sollevati, li kienet qeghda tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha “minhabba li hi sodisfatta li kif issemma’ fuq mezzi xierqa ta’ rimedju ghall-ksur allegat kienu disponibbli favur ir-rikorrenti.” Ergo l-appell odjern min-naha tal-istess rikorrenti kif inghad *supra*.

5. Skont ir-rikors promotorju, il-lanjanzi tar-rikorrenti riferibbilment ghall-artikoli kemm tal-Kostituzzjoni kemm ukoll dawk tal-Konvenzjoni li huma jallegaw li gew miksurin huma marbutin mal-fatti segwenti, jigifieri li;
(i) (dejjem skont ir-rikorrenti), l-espert forensiku li gie nominat mill-Qorti “ma jista’ bl-ebda mod jitqies bhala indipendenti mill-prosekuzzjoni ghaliex kien addett tal-istess dipartiment minn fejn jitmexxew il-prosekuzzjonijiet.”

Dan il-fatt allura kien jilledi l-principju ta’ smiegh xieraq kif sancit fl-Art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni.

Ir-rikorrenti inoltre jissottomettu li:

“In-nuqqas ta’ indipendenza tal-espert nominat mill-Qorti kienet tqajmet mill-Avukat Difensur quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali izda l-Qorti kienet injurat il-punt.”

(ii) it-trapass ta’ zmien sakemm inqatghet il-kawza, isostnu r-rikorrenti, “kien wiehed eccessiv ghaliex kien ha mal-hmistax-il sena u hafna drabi ma sar ebda progress minghajr xi tort tar-rikorrenti.”

B’hekk jghidu li gie miksur id-dritt taghhom ta’ smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli u dan skont l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni;

Dan id-dewmien inoltre ssarraf f’cirkostanzi li hadmu kontra r-rikorrenti bhal ma kien il-bdil minn Magistrat ghal iehor u li dan sahansitra ta wkoll lok ghal “xhieda neqsin fl-inkartament tal-process.” Ghalhekk jghidu li “fl-assjem tieghu l-process quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali kien nieqes mill-garanzija ta’ smiegh xieraq”.

(iii) id-dewmien “b’din il-piena mdendla fuq rashom” issarrfet ukoll fi trattament inuman u degradanti bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni “minhabba l-pressjoni psikologika enormi li sofrew ir-rikorrenti u li minnha kienu ghandhom isofru sal-lum”.

6. Minn qari akkurat tas-sentenza appellata, jirrizulta li l-ewwel Qorti bdiet billi taghmel riferenza, in sintesi, tad-diversi deposizzjonijiet moghtija mix-xhieda li gew prodotti fil-proceduri kriminali kontra r-rikorrenti. In segwitu, l-ewwel Qorti ghaddiet biex tiddelibera u tiddeciedi dwar l-ewwel eccezzjoni u fil-fatt iddecidiet billi laqghet din l-eccezzjoni u lliberat lill-intimat Kummissarju tal-Pulizija mill-osservanza tal-gudizzju. Minn din il-parti tas-sentenza ma hemmx appell.

7. L-ewwel Qorti mbaghad ghaddiet biex tibda tistharreg il-lanjanza tar-rikorrenti dwar il-hatra tal-espert forensiku kemm fil-kuntest tal-Artikolu 7 tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta kif eccepit mill-appellat Avukat Generali, kif ukoll fid-dawl tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni invokat mir-rikorrenti ghal fini ta’ lezjoni. Fi kliem iehor, l-ewwel Qorti

dehrilha opportun, u din il-Qorti hija konkordi maghha, li qabel xejn kellha tinvesti u tiddeciedi t-tieni eccezzjoni ta' natura procedurali dwar l-inammissibilita` *o meno* ta' din il-lanjanza, tenut kont tal-Art. 7 tal-Kap. 319. Id-decizjoni tal-Qorti dwar it-tieni eccezzjoni kienet is-segwenti:

"Ghalkemm ir-rikorrenti ilmentaw mill-hatra ta' Dr. Abela Medici, din trid tinftiehem l-effetti ta' tali hatra (sic) u cioe` deposizzjonijiet, konkluzjonijiet u rapporti. Ghal dawn il-motivi tichad din it-tieni eccezzjoni."

L-intimat Avukat Generali <u>ma appellax lanqas minn din il-parti tas-sentenza</u>.

8. L-ewwel Qorti mbaghad ghaddiet biex tikkunsidra fil-mertu d-diversi lanjanzi avanzati mir-rikorrenti fid-dawl, pero`, ta' eccezzjoni ohra min-naha tal-intimat, jigifieri li dik l-istess Qorti ghandha tiddeklina milli terzercita` l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha peress li mezzi xierqa ta' rimedju kienu disponibbli favur ir-rikorrenti, u dan kif hemm ipprovdut fis-subartikoli (2) u (3) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Minn hawnhekk 'il quddiem, l-ewwel Qorti ghaddiet in rassenja sensiela shiha ta' gurisprudenza lokali in propozitu biex finalment, <u>u minghajr ebda kummenti jew osservazzjonijiet ta' ebda xorta min-naha taghha</u> kkonkludiet hekk:

"In vista` tal-premess, il-Qorti thoss li ghandha tilqa' din l-eccezzjoni tal-Avukat Generali bazata fuq il-*proviso* tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u ghalhekk qeghda tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha minhabba li hi sodisfatta li kif issemma fuq mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat kienu disponibbli favur ir-rikorrenti."

Effettivament, id-dicitura li giet adoperata mill-ewwel Qorti, fil-konkluzjoni taghha, ghalkemm kif gia` nghad ma hemm xejn elaborat *per via* ta' motivazzjoni, hija mehuda kwazi *verbatim* mill-*proviso* tal-Artikolu 46(2) li jghid testwalment hekk:

"Izda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skont dan

is-subartikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi ligi ohra."

9. Biex waslet ghad-decizjoni taghha li tiddeklina, l-ewwel Qorti bbazat ruhha fuq numru ta' decizjonijiet li jirreferu ghal kazijiet ohra fejn l-ewwel Qorti kienet iddeklinat. Fil-fatt inghataw diversi decizjonijiet f'dan is-sens u li *man mano* li waslu ghal tali decizjoni hadu l-okkazzjoni biex jelenkaw u anke jispjegaw dawk il-linji gwida li ghandhom iservu bhala bazi qabel ma tittiehed xi decizjoni, naha jew ohra. Il-posizzjoni, b'mod generali, hija sewwa sew dik li tissemma fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet **Mario Debono v. Kummissarju tal-Pulizija et** (Rikors numru 584/97 GV) moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fid-29 ta' Mejju 2002 citata mill-appellati, jigifieri li:

"Il-principju kostituzzjonali huwa li l-Qorti Kostituzzjonali hi marbuta li taghti rimedju fejn tkun sodisfatta li ma jkunx hemm rimedju xieraq u adegwat taht xi ligi ohra.

"Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ghandha diskrezzjoni li taghzel li tiddeklina li tezercita s-setgha taghha jekk hi sodisfatta li kien hemm mezzi xierqa ta' rimedju tal-allegat ksur jew ghalihom disponibbli favur ir-rikorrenti taht xi ligi ohra.

"Pero` mhux eskluz lanqas li taghti rimedju kostituzzjonali fil-kazijiet fejn anke jirrizulta li r-rikorrent kellu xi rimedju taht xi ligi ohra."

Din il-Qorti, wara li kkunsidrat ukoll id-diversi decizjonijiet imsemmija mill-ewwel Qorti, filwaqt li taqbel li dawn id-decizjonijiet huma ferm pertinenti u rilevanti ghall-kaz in dizamina, fl-istess waqt ma taqbilx mal-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti, cioe` dik illi tiddeklina. Bla dubju, id-decizjoni moghtija fil-kawza fl-ismijiet: **Dr. Mario Vella v. Joseph Bannister nomine** fis-7 ta' Marzu 1974 mill-Qorti Kostituzzjonali, tigbor fiha tista' tghid ir-rekwiziti u l-aspetti kollha li jimmeritaw jigu kkunsidrati ghal fini tal-ezercizzju tad-diskrezzjoni moghtija lill-ewwel Qorti biex hija taghzel li tiddeklina, jigifieri:

“(a) Meta huwa car li hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed jillamenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati, u r-rikors ghall-organi gudizzjarji ta’ natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew ma humiex disponibbli;

“(b) din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirrizultawx ragunijiet serji u gravi ta’ illegalita` jew ta’ gustizzja jew ta’ zball manifest, ma tiddisturbax l-ezercizzju ta’ diskrezzjonalita` tal-ewwel Qorti konferit mill-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni.

“(c) kull kaz ghandu l-fattispeci partikolari tieghu;

“(d) meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li seta’ kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkonsidra li m’ghandhiex tezercita l-gurisdizzjoni taghha jekk, dak il-possibli rimedju ma kienx pero` se jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent;

“(e) meta r-rikorrent ma jkunx ezawrixxa r-rimedji ordinarji, jekk pero` dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa ghalih l-operat ta’ haddiehor, allura ma tkunx desiderabbli li l-Qorti tieqaf u ma tipprocedix bit-trattazzjoni tal-kaz;

“(f) meta l-ewwel Qorti tezercita d-diskrezzjoni taghha u tieqaf mit-trattazzjoni minghajr ma tezamina l-materja necessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata, il-Qorti tat-tieni grad ghandha twarrab dik id-diskrezzjoni.”

10. Stabbiliti l-principji applikabbli f’kazi simili, din il-Qorti sejra issa tezamina kif ipprocediet l-ewwel Qorti fir-rigward tal-lanjanzi tar-rikorrenti, tenut kont ukoll tal-eccezzjonijiet relattivi li gew sollevati mill-intimat appellat.

M’hemmx dubju li, minn ezami tal-atti tal-kawza, il-partijiet inghataw spazju ampju biex iressqu l-provi taghhom kif ukoll li jipprezentaw noti ta’ sottomissjonijiet ferm elaborati dwar id-diversi lanjanzi li gew avanzati mir-rikorrenti. L-

intimati ma naqsux milli debitament jirrispondu ghad-diversi argumenti mressqin mir-rikorrenti in sostenn tal-allegazzjonijiet taghhom – hekk ara n-nota sospensiva tal-intimati, fost ohrajn, (a fol. 212 – 221 tal-process), apparti d-diversi noti min-naha tar-rikorrenti. Jirrizulta pero` li meta l-ewwel Qorti giet biex tiddelibera u tiddeciedi l-kawza, hija tidher li fil-mertu kkoncentrat biss fuq wahda mil-lanjanzi, jigifieri dik relattiva ghan-nomina tal-espert forensiku, Dottor Anthony Abela Medici, u wara li ddecidiet li l-lanjanza tar-rikorrenti "trid tiftiehem l-effetti ta' tali hatra (sic) u cioe` deposizzjonijiet, konkluzjonijiet u rapporti" u ghalhekk cahdet it-tieni eccezzjoni tal-intimat, imbaghad spiccat biex fuq il-premessa li r-rikorrenti kellhom "mezzi xierqa" biex jikkontestaw tali nomina, minghajr pero` ma elaborat xejn dwar x'setghu kienu l-imsemmija mezzi, ghaddiet biex tiddeklina milli tiehu aktar konjizzjoni ta' din il-lanjanza a tenur tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni. Fir-rigward tal-lanjanzi l-ohra, imbaghad, jigifieri rigwardanti dewmien fil-proceduri u n-nuqqas ta' smiegh xieraq, kif ukoll l-allegazzjoni l-ohra dwar trattament inuman u degradanti ma hemm assolutament l-ebda accenn. Tajjeb li jinghad li ghalkemm l-intimat Avukat Generali enfasizza li l-Qorti kellha tiddeklina milli tezercita` s-setghat taghha kif imsemmi fil-ligi, qaghad xorta wahda attent biex ikopri adegwatament, anke fil-mertu, kull lanjanza li giet imqajma mir-rikorrenti. Fil-fehma ta' din il-Qorti ghalhekk, u bir-rispett kollu dovut, l-ewwel Qorti kienet leggera u superficjali wisq biex iddecidiet li kellha tiddeklina bla ma semmiet minimament f'hiex kienu jikkonsistu dawn il-"mezzi xierqa" u dan anke billi lanqas billi ghamlet l-icken accenn ghal-lanjanzi dwar it-tul tal-proceduri kriminali u l-allegazzjoni ta' trattament inuman u degradanti.

11. Fil-kaz tal-ewwel lanjanza dwar in-nomina tal-Perit Forensiku fis-sens li kellu konnessjoni ta' impieg mal-prosekuzzjoni, filwaqt li l-ewwel Qorti rrikonoxxiet il-fatt li dan seta' kellu xi forma ta' effett fuq in-nomina nfisha, xorta wahda ghazlet li ma tapprofondix x'setghet kienet il-portata ta' dan "l-effett". Il-partijiet stess irriferew ghal numru ta' decizjonijiet dwar dan il-punt mnejn jirrizulta li kienu kontra tali tip ta' nomina filwaqt li kien hemm ohrajn

li, tenut kont tal-“assjem” tal-fatti tal-kaz partikolari, iddecidew li ma jannullawx il-proceduri minhabba fil-mod kif saret il-hatra. Il-fatt, pero` jibqa’ li tkun xi tkun il-konkluzjoni jkun dejjem impellenti li l-Qorti – li tkun hekk adita – tistharreg tali implikazzjoni ta’ lezjoni proprju billi tezercita` s-setghet taghha kostituzzjonali, minflok tiddeklina. Hemm, imbaghad, konsiderazzjonijiet ohra, xejn anqas importanti, li wiehed irid izomm quddiem ghajnejh qabel ma l-Qorti tigi biex tiddeciedi ghandhiex tiddeklina jew le. Dan qieghed jinghad ghaliex altru, per ezempju, wiehed jistharreg proceduri kriminali, bhal dawk in ezami, u altru ghandek kawza civili. Fit-tnejn trid issir gustizzja l-istess, imma filwaqt li fi proceduri ta’ natura civili, il-kawza hija tal-parti (fis-sens li l-provi jingiebu mill-partijiet), fi proceduri kriminali huwa l-Istat li qieghed jiehu l-inizjattiva. Anke l-grad ta’ prova rikjest huwa differenti minn procedura kriminali ghal ohra civili. Fi procedura kriminali, is-sistema akkuzatorju patriju jpoggi l-oneru fuq il-Prosekuzzjoni biex din taghmel il-prova li, minghajr dubju ragjonevoli, ghandha twassal ghas-sejbien ta’ htija fl-akkuzat. L-akkuzat huwa prezunt innocenti sakemm tali prova ma ssirx sal-grad rikjest. Huwa ghandu dritt li jinghata smiegh xieraq b’dan li l-oneru ta’ tali obbligu jaqa’ fuq il-prosekuzzjoni u mhux fuqu. Jekk process jiehu fit-tul, u jirrizulta li kien hemm dewmien, u sakemm ma jkunx irrizulta li ghal dan id-dewmien kien jahti sew l-akkuzat innifsu (per ezempju, minhabba mard jew talbiet ghal differimenti min-naha tieghu), ma tammontax ghal gustifikazzjoni l-konsiderazzjoni li l-akkuzat, fil-kors tal-proceduri kontra tieghu, ma intavola ebda talba sabiex jithaffu l-proceduri. Kif gia` intqal, tali obbligu ma jinkombix fuqu. Naturalment, fil-kaz imbaghad fejn l-akkuzat ikun ha l-inizjattiva li jitlob lill-Qorti biex jinqata’ d-dewmien, dan jista’ jservi ta’ vantagg ghalih fil-kaz li huwa jressaq lanjanza simili – imma jekk jibqa’ passiv, u fl-istess waqt ma jostakolax il-proceduri, din il-passivita` tieghu m’ghandhiex tahdem kontrieh.

Kif jghidu l-awturi Van Dijk, Van Hoof, Van Rijn u Zwaak (ara Theory and Practice of the European Rights, Intersentia Antwerp – Oxford, 4th Ed. 2006, Kap. 2, Pag 149):

*"More sense can be made of the Commission's decision with respect to a complaint concerning the length of criminal proceedings. The question arose whether the accused should have instituted a procedure designed to accelerate proceedings but which could not have led to any other effect. In the Commission's opinion, such a procedure could not be considered an effective and sufficient remedy as required by Art. 26 (the present Art 35(11)* (*vide* Appl. 8435/78, **X v. The United Kingdom** (1982); Appl. 24559/94 **Gibas v. Poland** (1995)). *The Commission also held that in case of relatively protracted criminal proceedings, it was not bound to reject a complaint for failure to have exhausted domestic remedies even though appeals were still pending at the moment an application was introduced* (ara **Tomasi v. France** (1990), **Mitap and Muftuglu v. Turkey** (1992)."

Issa fil-kaz in ezami, ir-rikorrenti appellanti allegaw li dan id-dewmien mhux talli fih innifsu kien *ut sic* leziv tal-Konvenzjoni imma kien ukoll il-kagun ta' nuqqasijiet ohra konnessi fosthom l-ghejbien ta' certi dokumenti/xhieda importanti mill-atti tal-process u trattament inuman u degradanti. Issa biex wiehed jara u jezamina l-fondatezza *o meno* ta' dawn il-lanjanzi, din il-Qorti ma jidhrilhiex li kien hemm lok li l-ewwel Qorti taghzel li tiddeklina minflok li tistharreg l-istess aggravji fuq il-pretest li kien hemm mezzi xierqa minghajr ma tispecifika proprju xejn dwar dawn il-mezzi. Huwa biss wara li jsir tali approfondiment li l-Qorti tkun f'posizzjoni li tara jekk dawn id-diversi lanjanzi humiex, wara kollox, fondati jew le, u fit-tieni lok, jekk kienux tassew serji u gravi bizzejjed biex iwasslu ghar-rimedju awspikat mir-rikorrenti, jigifieri t-thassir addirittura tas-sentenza li giet inflitta fuqhom, jew possibilment (rimedju alternattiv imsemmi wkoll minnhom) xi forma ta' riduzzjoni tal-piena ingenti hekk inflitta, fin-nuqqas. Jista' jkun ukoll il-kaz – dejjem fl-eventwalita` tal-akkoljiment tal-lanjanzi jew xi whud biss minnhom li tressqu mir-rikorrenti – li jkun hemm alternattivament xi konsiderazzjoni ta' natura merament deklaratorja jew pekunarja kemm-il darba jirrizulta li, wara kollox, fl-assjem taghhom il-proceduri istitwiti kontra r-rikorrenti ma kienux jiddifettaw

b'mod daqstant serju u gravi kif impingi minnhom fir-rikors ta' appell. Kollox ghalhekk jiddependi l-ewwel nett fuq stharrig sew ta' dawn id-diversi lanjanzi u, fit-tieni lok, x'mezz xieraq seta' kien disponibbli ghar-rikorrenti *per via* ta' rimedju. Biex dan kollu javvera ruhu tinhtieg qabel xejn issir id-debita indagini. Dan l-ezercizzju jista' jsir anke minn din il-Qorti pero` jekk jinqabez l-gharbiel u l-arbitriju provdut mil-ligi u moghti lill-Prim Awla tal-Qorti Civili jkun ifisser li jkun intilef il-beneficcju tad-*doppio esame*. Ghalhekk isegwi li jkun opportun li fl-ewwel lok l-istharrig isir mill-ewwel Qorti, jigifieri mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, fil-gurisidizzjoni kostituzzjonali taghha.

Ghal dawn il-motivi;

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell tar-rikorrenti appellanti u ghalhekk qeghda tirriforma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fid-29 ta' Settembru 2009 fil-kawza fl-ismijiet premessi billi, filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn laqghet l-eccezzjoni tal-Avukat Generali li l-Kummissarju tal-Pulizija m'huwiex il-legittimu kontradittur u tikkonferma wkoll dik il-parti fejn cahdet it-tieni eccezzjoni, tirrevoka dik il-parti fejn hija laqghet l-eccezzjoni tal-appellat dwar id-diskrezzjoni moghtija lilha a tenur tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tilqa' t-talba tar-rikorrenti appellanti fis-sens li qeghda tordna lill-Qorti tal-ewwel grad li ma tiddeklinax milli tezercita s-setghat taghha, kif hemm provdut mill-Kostituzzjoni, u ghal dan il-ghan tordna li l-atti tal-kawza jergghu jintbaghtu mill-aktar fis quddiem dik il-Qorti biex il-kawza tkompli tinstema' fil-mertu skont il-ligi, b'dan pero` li, fic-cirkostanzi, l-ispejjez relattivi ghal dan l-appell jibqghu bla taxxa u dawk relattivi ghall-ewwel istanza jibqghu impregudikati sal-gudizzju finali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------